Minuti tal-Laqgħa Nru. 15 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is- Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Proġett tal-Bandli
5. Traffic Management mit-TM
6. Mawra għall Għawdex u Sqallija
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq punt 3.10 kien semma li xi darba isir ir-restawr tal-istatwa tal-Kunċizzjoni. Huwa qal li fuq punt 3.11 din trid tkun Sqaq il-Karmnu Nru 4. Fuq punt 3,17 din trid tkun Triq Sant' Andrija biss. Fuq punt 3.31 din għandha tkun Triq il-Karmnu.

1.2 Il-minuti kienu ipproponuti mill-Kunsillier Camilleri u sekondati mis-Sindku u l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Massa.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq punt 3.27 dwar il-kaxxa safra li kellha issir quddiem il-garaxx fejn tgħallem Ms. Calleja. Is-Sindku qal li l-ewwel irid ikun hemm Garage in Use imwaħħla. Il-Kunsillier Camilleri qal li din it-tabella diġa saret.

**Il-Kunsillier Bruno wasal għal laqgħa fis-17.50 pm.**

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm bżonn aktar ta sigurta matul il-ħin li fih jidħlu u joħorġu t-tfal mill-Iskola. Huwa qal li kien hemm drabi fejn il-Pulizija ma kienx wasal fil-ħin u t-tfal laħqu ħarġu. Is-Sindku qal li huwa stess kien kellem lill-Ispettura u anki intbagħtet email fuq dan il-każ.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm rampa kbira maġenb il-Kunsill Lokali fi Triq il-Ġdida li kienet hemm bżonn issir drop kerb. Is-Sindku qal li huwa se jara fuq ir-rampa sabiex tinstab soluzzjoni.

3.3 Il-Kunsillier Bruno semma li huwa kien iltaqa maż-żgħażagħ tas-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ u ddiskutew biex jqajjmu awareness fuq il-periklu tal-logħob tal-ażżard u jsiru attivitajiet biex ikun hemm għarfien. Huwa qal ukoll li kien hemm proposta biex ikun hemm Cinema Day li tkun organiżżata forma ta drive in.

3.4 Il-Kunsillier Bruno qal li huwa kien jaf persuna li kienet tagħmel filming bi drone u din setgħet ukoll tagħmel filming matul iż-żmien tal-festa fuq l-attivitajiet li jkun hemm dik il-ġimgħa. Il-Kunsillier Bruno iċċekkja ma din il-persuna u infurmata li tieħu madwar € 1,300 biex tagħmel dan il-filming u anki tagħmel DVD tiegħu. Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera huma x' jaħsbu fuq din il-proposta. Huma kienu tal-parir sabiex nitkellmu ma dil-persuna u naraw x' tikkonsisti.

3.5 Il-Kunsillier Camilleri qal li l-attivita li kellha ssir fl-okkażżjoni ta' Jum Ħal Luqa se ssir l-aħħar weekend t' Awwissu. Is-Sindku semma li l-Ħadd ikun hemm il-wirja agrarja u l-vintage cars. Il-Kunsillier Caruana qal li nistgħu anki ninkludu xarabankijiet antiki.

3.6 Il-Kunsillier Camilleri kien ħa stima kemm jiġi jiswa biex nikru l-palk fejn qalulu li dan jiswa madwar € 250. Huwa qal ukoll li rigward il-wrija agrarja kiene tkellem mas-Segretarjat tal-Biedja u s-Sajd fejn infurmawh biex kif tgħaddi l-Mnarja jerġa jkellimhom.

3.7 Il-Viċi Sindku qalet biex matul din l-okkażżjoni billi jkun se jitnaqqas il-parkeġġ inkellmu lil tal-Lidl biex nużaw il-parkeġġ tagħhom u anki naraw nistgħux nuttilizżaw iż-żona tal-parkeġġ tal-Airport l-antik biex intaffu din il-problema matul din l-okkażżjoni.

3.8 Il-Kunsillier Caruana semma biex niċċekkjaw mal-Malta Trains ħalli anki nġibuhom matul l-attivita u jkunu jistgħu jtellgħu t-tfal idawruhom ma' Ħal Luqa.

3.9 Is-Sindku semma li billi issa l-festa kienet fil-qrib irridu nistiednu lill-Kunsill Lokali tal-Fontana.

3.10 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li hija kienet tkellmet flimkien mal-Kunsillier Bruno biex issir laqgħa flimkien mas-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ biex jaraw x' opportunitajiet ta' fondi jista jkun hemm li napplikkaw għalihom.

3.11 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet biex isir tindif fi Triq Ħal Farruġ. Is-Sindku qallha biex inkellmu lill-Cleansing peress li huma jieħdu ħsiebha.

3.12 Il-Kunsilliera Massa qalet biex inkellmu lil tal-Primary Health care biex meta jkun hemm it-tabib li jikteb ir-riċetti dan forsi jinżel ukoll Ħal Farruġ għall dawk ir-residenti li jkollhom diffikulta biex jitilgħu Ħal Luqa għax ma jkollhomx trasport.

3.13 Il-Kunsillier Camilleri semma li hemm bżonn li ssir mera fi Triq Ħal Farruġ peress li hemm blind corner.

3.14 Il-Kunsillier Camilleri semma li kieku n-notice board li hemm fi Triq Sebastiano Saliba tinqala u titpoġġa fil-Bandli. Is-Sindku qallu li huwa diġa kien ta' din l-idea u kien se jikkordina mal-kuntrattur biex jinstab l-aħjar post.

3.15 Il-Kunsillier Camilleri qal li kien hemm tumbatta fi Triq Dun Pawl li kienet saret mill-Water Services Corporation. Is-Segretarju qal li din kien diġa irrapurtaha u kien se jerġa jara fuqha.

## 4.0 PROĠETT TAL-BANDLI

4.1 Is-Sindku semma li l-proġett tal-Bandli kien miexi b' ritmu tajjeb u sal-festa ta' Sant' Andrija dan huwa mistenni li jkun wasal fit-tmiem. Huwa semma li kien kellem lill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali sabiex jipproponielu ġurnata meta jkun jista jagħmel din l-inawgurazzjoni. Is-Sindku semma li bħala perjodu kien ipproponielu dik il-ġimgħa ta wara l-festa anki biex ma jintilifx l-iskop tal-proġett.

4.2 Il-Kunsillier Caruana semma li kien qed isir xogħol tajjeb ħafna u ssuġġerrixxa biex fejn hemm il-gagazza nieqsa din timtela biex tidher pulita. Is-Sindku qal li huwa kien diġa kellem lill-kuntrattur u qallu biex jerfa' minnha għall dan l-iskop.

4.3 Is-Sindku qal li huwa kien kellem lil tal-Boċċi fuq il-proposta tal-Kunsill li kien qabel fuqha unanimament li ssir l-entratura fuq in-naħa ta' wara u tingħalaq dik li hemm fil-preżent u ssir tieqa. Huwa qal li dan kien qabel mal-proposta u anki irringrazzja lill-Kunsill talli kien se jagħmel tajjeb għax xogħol.

4.4 Il-Viċi Sindku qalet li hawnhekk kellha wkoll issir book box u tintuża il-phone box li hemm maġenb il-Knisja. Is-Sindku qal li huwa se jikkordina mal-ħaddiema fuqha u jara x' hemm bżonn isir biex din tkun irranġata.

4.5 Il-Viċi Sindku qalet li nistgħu nużaw il-flus li kien hemm tal-green wardens dovuti lill-Kunsill Lokali sabiex inkomplu nagħmlu xogħol ta tisbiħ fil-lokalita. Hija qalet li se tiċċekkja mar-Reġjun x' hemm dovut.

4.6 Il-Kunsillier Caruana semma biex inkellmu lill-ELC biex jħawwlu l-pjanti għall okkażżjoni tal-ftuħ. Is-Sindku qallu li huwa diġa kien ikkordina magħhom.

## 5.0 TRAFFIC MANAGEMENT MIT-TM

5.1 Is-Sindku ippreżenta pjanta li kienet imħejjija minn uffiċċjali tat-TM dwar proposta kif għandu jsir it-traffic management f' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra Din il-pjanta kienet tindirizza fost l-oħrajn il-periklu ta' din iż-żona fejn huwa relatatt it-traffiku u anki stages tat-trasport pubbliku u parkeġġ. Huwa spjega il-pjanta kif kienet proposta u saqsa lill-Kunsilliera jekk kellhomx xi mistqosjiet fuq dan il-pjan.

5.2 Il-Kunsillier Camilleri qal li viċin fejn kien se jsir dan it-traffic management kien hemm bżonn li jsir double yellow line fit-tarf ta' Triq il-Ġdida peress li kienu qed joqgħodu pparkjati l-vetturi f' dil-parti u jkunu ta' periklu speċjalment matul il-ħin tad-dħul jew ħruġ mill-Iskola. Is-Sindku qal li se jkun qed jara fuqha din.

5.3 Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma dan il-pjan kif kien ippreżentat minn Transport Malta.

## 6.0 MAWRA GĦALL GĦAWDEX U SQALLIJA

6.1 Is-Sindku semma li qed tiġi organiżżata ħarġa għall Sqallija li se ssir fis-7 ta' Lulju u se ssir ukoll Mawra għall Sqallija. Fuq il-mawra għall Sqallija s-Sindku qal li qed niċċekkjaw sabiex inġibu l-aħjar prezz.

## 7.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

7.1 Is-Segretarju qal li mal-pagamenti kellu jkun hemm ukoll dak tal-website kif kien miftiehem mad-developer li għamilha.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar It-Tlieta 21 ta' Ġunju 2016 fis-6.50 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2016.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |